# Iċ-Ċifri tal-Finanzi tal-Gvern: Jannar-Awwissu 2026

NR 168/2026 | Il-Finanzi Pubbliċi | Data tal-Ħruġ: **25/09/2026**





## Il-Punti ewlenin

- Sa tmiem Awwissu 2026, il-Fond Konsolidat tal-Gvern irreġistra defiċit ta' €376.2 miljun.
- Meta mqabblin mas-sena ta' qabel, id-dħul rikorrenti tela' b'€723.6 miljun, filwaqt li n-nefqa sħiħa żdiedet b'€896.4 miljun. Iż-żieda fin-nefqa kienet akbar minn dik fid-dħul rikorrenti biex b'hekk kien hemm bidla negattiva ta' €172.8 miljun fil-Fond Konsolidat tal-Gvern.
- L-akbar żieda fid-dħul ġiet mit-Taxxa tad-Dħul (€397.6 miljun), filwaqt li l-Programmi u Inizjattivi (€374.2 miljun) irrappurtaw l-akbar żieda fost il-kategoriji tan-nefqa.
- Sa tmiem Awwissu 2026, id-Dejn kollu tal-Gvern Ċentrali kien jgħodd €12,002.3 miljuni, €864.1 miljun aktar mill-istess xahar fl-2025.

## Il-Kummentarju

*Sa tmiem Awwissu 2026, il-Fond Konsolidat tal-Gvern irreġistra defiċit ta' €376.2 miljun.*

Minn Jannar sa Awwissu 2026, id-Dħul Rikorrenti kien ta' €5,749.2 miljun, €723.6 miljun aktar minn dak irrappurtat sena qabel. L-akbar żidiet kienu rreġistrati fit-Taxxa tad-Dħul (€397.6 miljun), fit-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (€146.6 miljun) u fis-Sigurtà Soċjali (€81.2 miljun). Min-naħa l-oħra, kien irrappurtat dħul anqas fil-Miżati tal-Uffiċċju (€19.6-il miljun), fir-Rimborżi (€2.8 miljuni) u mgħax fuq self magħmul mill-Gvern (€0.2 ta' miljun).

Sa tmiem Awwissu 2026, in-nefqa kollha kienet ta' €6,125.4 miljun, li hija €896.4 miljun aktar mis-sena ta' qabel.

Fiż-żmien ta' riferenza, in-Nefqa Rikorrenti kienet ta' €5,233.6 miljun, li hija żieda ta' €687.2 miljun meta mqabbla mal-€4,546.4 miljun li kienu rrappurtati fis-sena ta' qabel. Iż-żieda ta' €374.2 miljun fil-Programmi u Inizjattivi kellha l-akbar sehem f'din iż-żieda. Aktar żidiet kienu rreġistrati fl-Ispiża tal-Operat (€111.9-il miljun), fis-Salarji u Pagi (€106.1 miljuni), u fil-Kontribuzzjonijiet lill-Entitajiet tal-Gvern (€95.0 miljun).

L-iżviluppi ewliena fil-kategorija tal-Programmi u Inizjattivi kienu nefqiet akbar fuq il-Benefiċċji tas-Sigurtà Soċjali (€109.7 miljuni), ir-Riżorsi tal-UE (€39.2 miljun) u l-Miżuri ta' għajnuna għall-enerġija (€38.1 miljun).

L-imgħax fuq id-dejn pubbliku laħaq il-€218.6-il miljun, żieda ta' €26.1 miljun meta mqabbel ma' sena qabel.

Sa tmiem Awwissu 2026, in-nefqa kapitali tal-Gvern kienet ta' €673.1 miljun, li hija €183.1 miljun aktar meta mqabbla mal-istess żmien fl-2025. Infiq akbar kien irreġistrat, fost oħrajn, fuq ix-Xiri ta' proprjetà għal għanijiet pubbliċi (€43.5 miljun), Skemi ta' għotjiet tal-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza (€19.7-il miljun) u Proprjetà, Impjant u Tagħmir (€16.6-il miljun).

Id-differenza bejn id-dħul u l-infiq sħaħ uriet defiċit ta' €376.2 miljun fil-Fond Konsolidat tal-Gvern fi tmiem Awwissu 2026, meta mqabbel ma' defiċit ta' €203.4 miljuni ta' sena qabel. Din id-differenza tirrifletti żieda anqas fid-Dħul Rikorrenti sħiħ (€723.6 miljun), milli fin-nefqa sħiħa, li hija magħmula min-Nefqa Rikorrenti (€687.2 miljun), mill-Imgħax (€26.1 miljun) u min-Nefqa Kapitali (€183.1 miljun) (Tabella nru 1).

Fl-aħħar ta' Awwissu 2026, id-dejn tal-Gvern Ċentrali kien ta' €12,002.3 miljuni, żieda ta' €864.1 miljun meta mqabbel mal-2025. Iż-żieda rreġistrata fl-Istokks tal-Gvern ta' Malta (€658.9 miljun) kienet il-kontribut ewlieni għaż-żieda fid-dejn. Aktar dejn kien irreġistrat ukoll fil-Kambjali tat-Teżor (€306.5 miljuni) u fil-ħruġ tal-muniti tal-ewro f'isem it-Teżor (€4.8 miljuni). Fid-direzzjoni opposta, kien hemm tnaqqis fid-Dejn Barrani (€80.1 miljun) u fl-Istokks ta' Tifdil 62+ tal-Gvern ta' Malta (€5.3 miljuni). Fl-aħħar, investimenti akbar minn fondi tal-gvern fl-Istokks tal-Gvern ta' Malta wasslu għal tnaqqis ta' €20.7 miljun fid-dejn (Tabella nru 6).

**Ċart nru 1. Is-surplus/id-defiċit fil-Fond Konsolidat**
*Jannar-Awwissu bis-sena*




**Ċart nru 2. Id-dħul rikorrenti maqsum bil-kategoriji ewlenin**
*Jannar-Awwissu 2026*




**Ċart nru 3. In-nefqa maqsuma bil-kategoriji ewlenin**
*Jannar-Awwissu 2026*




Il-Finanzi Pubbliċi

### Stqarrijiet tal-Aħbarijiet Oħra

- Iċ-Ċifri tal-Finanzi tal-Gvern: Jannar-Lulju 2026
- Iċ-Ċifri tal-Finanzi tal-Gvern: Jannar-Ġunju 2026
- Il-Kontijiet ta' Kull Tliet Xhur tal-Gvern Ġenerali: K1/2026
- Iċ-Ċifri tal-Finanzi tal-Gvern: Jannar-Mejju 2026
- Iċ-Ċifri tal-Finanzi tal-Gvern: Jannar-April 2026

### Temi Oħra Relatati

- Il-Ħarsien Soċjali
- Il-Kontijiet Nazzjonali

**Għal mistoqsijiet ikkuntattja:**

publicfinance.nso@gov.mt

**Għal aktar data, jekk jogħġbok żur:**

L-Indikaturi Magħżula